MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Numru. 94/2002
Kawza Numru. 2

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**
**Spettur Carmelo Bartolo**

**vs**

**Paul Caruana**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Paul Caruana, ta' 41 sena, iben Angelo u Mary nee Galea, imwieled iz-Zejtun nhar it-24 ta' Ottubru, 1960 li joqghod 501, Busietta Gardens, Madliena, detentur ta' karta tal-identita bin-numru 753360(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Matul il-lejl ta' bejn it-30 ta' Awissu, 2000 u il-31 ta' Awissu 2000, waqt li kien qed issuq il-vettura tal-marka BMW, bin-numru tar-registrazzjoni ta' barra 445699, fi Triq

Sant Andrija limiti tal-Gharghur, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna offizi ta' natura gravi u permamenti fuq il-persuna ta' Anne Fiona Dowling minn San Pawl il-Bahar skond ma iccertifika Dr  Kevin Zammit MD ta' l-isptar San Luqa;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq il-vettura tal-marka BMW, bin-numru tar-registrazjoni ta' barra 445699, fi Triq Sant Andrija limiti tal-Gharghur, b'nuqqa ta'hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' il-vettura bin-numru tar-Registrazjoni  ABF -517 , liema hsara li tammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltija saret  ghad-detriment ta' Anne Fiona Dowling minn San Pawl il-Bahar.

3. Kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu  'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

4. Kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer iddenunsja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

5. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg, jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz;

6. F’dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn il-31 ta' Awissu 2000 u x-xhur ta' qabel, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz, jew billi inqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra

sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamel qligh ta' aktar minn hames mitt lira Maltija ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija assikuratrici "Fogg Insurance";

7. F'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn il-31 ta' Awissu 2000 u x-xhur ta' qabel din id-data, bi hsara ta' haddiehor u cioe' id-dirigenti tal-kumpanija assikuratrici "Fogg Insurance" ghamel xi qligh b'qerq;

8. F’dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi, wara li gara' accident li jinvolvi offiza fuq persuna ohra, jew giet ikkagunata hsara lil xi vettura, annimal jew propjeta ohra, bhala id-driver tal-vettura bin-numru tar-registrazjoni ta' barra 445699, naqas li jieqaf kif kien mehtieg li jaghmel minn persuna li kellha raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk u jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji tal-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew in-numru tar-registrazjoni tal-vettura;

9. F'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn il-31 ta' Awissu 2000 u ix-xhur ta' qabel din id-data, biex ha licenzja ta' vettura tal-mutur jew biex ha certifikat ta' sigurta' jew certifikat ta' garanzija taht l-Ordinanza dwar Assigurazzjoni ta' vetturi tal-mutur ghar-riskji ta' terzi persuni, ghamel dikjarazjoni falza jew heba' xi informazzjoni sostanzjali;

10. F'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi, issoprima' jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat li kien delitt suggett ghall-piena ta' mhux anqas mill-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' sena;

11. F'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi, biex iqarraq l-awtorita', gab quddiem din l-awtorita' atti, dikjarazjonijiet jew certifikati veri, u ghaddihom b'qerq bhala li jirreferixxu ghalih jew ghal haddiehor;

12. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq il-vettura tal-ghamla BMW bin-numru tar-registrazjoni ta' barra 445699 b'manjiera traskurata u perikoluza;

13. Fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, saq il-vettura tal-ghamla BMW bin-numru tar-registrazjoni ta' barra 445699 b'velocita' eccessiva;

14. Qieghed jigi akkuzat f'isem il-Kontrollur tad-Dwana u f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur mizjud talli nhar il-31 ta' Awissu 2000 u/jew f'xi data qabel, kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu billi laqa'/jew zamm il-vettura tal-marka BMW bin-numru tar-Registrazjoni ta' barra 445699, minghajr l-awtorita' mehtiega tal-Kontrollur tad-Dwana

15. L-imsemmija vettura kienet giet importata f'Malta fuq bazi temporanja fis-16 ta' Gunju 2000 minn Raimondo Valerio Corradi bid-dokument tad-Dwana TIT5568/99 u rilaxxata lilu taht il-kundizzjonijiet stipulati fl-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni

16. F'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Gunju 2000, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, bil-hsieb li jigi evadut id-Dazju u t-taxxa fuq il-valur mizjud ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ukoll xi restrizjoni jew limitazjoni ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta xjentement, bil-kooperazzjoni ta' Raimondo Valerio Corradi, kellu b'xi mod x'jaqsam filli hajjar, ghen jew assista biex isir dikjarazjoni jew stqarrija falza jew taghrif falz lil Awtorita' tad-Dwana biex giet importata l-imsemmija vettura;

17. F'dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta' wara is-16 ta' Gunju 2000 xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu vettura li fuqha d-Dazju u/jew it-Taxxa fuq il-valur mizjud dovuta, ma kienux jew imhallsa u/jew kawtelati u li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta;

18. Din il-vettura ghandha valur ta' ghaxart elef lira Maltija (LM10,000), Dazju xejn u taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' elf u hames mitt lira Maltija (LM1500)

19. Dan bi ksur ta' l-Artikoli 60 (c) (d) (e) (k), 62 (a) (b) (c) (e) (f) (g) (h) (l) (k) (n) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, kif ukoll ta' l-Att Dwar id-Dazji tal-Importazjoni Kap 337 tal-ligijiet ta' Malta

20. F'dawn il-Gzejjer, matul il-lejl ta' bejn it-30 ta' Awissu, 2000 u il-31 ta' Awissu 2000 irrenda' ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, tordna sabiex terz tal-piena ta' flus jigu meqjusa bhala dejn Civili li hu dovut u li ghandu jithallas lil Gvern u li ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bl-istess mod bhalikieku nghatat f'azzjoni Civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati.

Il-Qorti kienet gentilment mitlbuba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imsemmi Paul Caruana ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 5 ta' Awwissu 2002 (esebita a fol. 424 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;
(a) fl-artikoli 226 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikoli 110 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 188 tal-Kodici Kriminali ;
(d) fl-artikoli 308, 309 tal-Kodici Kriminali ;
(e) fl-artikoli 295, 49, 50 tal-Kodici Kriminali ;
(f) fl-artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 ;
(g) fl-artikoli 60 (c)(d)(e)(k), 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(l)(k)(n) tal-Kapitolu 37 ;

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar 2010, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghhu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Noti ta’ Sottomissjonijiet finali pezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-31 ta’ Awwissu 2000 ghall-habta tal-12.15am il-Pulizija Distrettwali tan-Naxxar gew infurmati li f’Saint Andrew’s Road, limiti tal-Gharghur, kienet sehhet kollizzjoni bejn zewg vetturi u li kienu wegghu xi nies. Il-Pulizija marret fuq il-post u minn stharrig preliminari li kien sar gie stabbilit illi kienet sehhet kullizzjoni bejn vettura ta’ l-ghamla BMW bin-numru tar-registrazzjoni 445699 u vettura ta’ l-ghamla Volks Wagon Polo bin-numru tar-registrazzjoni ABF-517. Irrizulta li kemm il-vettura bin-numru ABF-517, kif ukoll il-vettura bin-numru 445699 garbu hsarat intensivi. Filfatt il-vettura BMW kienet hadet in-nar. Is-sewwieqa tal-vettura bin-numru ABF-517 irrizulta li kienet Anne Fiona Dowling. Din kienet ittiehdet l-isptar San Luqa, kienet giet certifikata li kienet qeghda issofri minn griehi ta’ natura gravi u li kienet f’perikolu imminenti li titlef hajjitha. Meta l-Pulizija bdiet tindaga dwar min seta kien ix-xufier tal-vettura bin-numru 445699, li ma nstabx fuq il-post kienet giet infurmata li din il-vettura kienet qeghda tigi misjuqa minn certu Raimondo Valerio Corradi. Irrizulta li dan il-persuna kien ukoll dahal ghal kura fl-isptar San Luqa fejn gie ezaminat u mibghut id-dar wara hin qasir hafna. Kien ghalhekk li il-Pulizija ghaddiet biex tkellem lil Raimondo Valerio Corradi. Dan stqarr li dak il-lejl, hekk kif kien qieghed isuq din il-vettura minn St. Andrew’s Road, direzzjoni l-isfel lejn San Giljan, ra dawl qawwi li kagun tieghu tilef il-kontroll tal-vettura, spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq u ma jafx x’gara aktar wara. Stharrig mas-sinjura Anne Fiowna Dowling ma kienx setgha isir minhabba li din kienet mitlufa minn sensieha. L-Ispettur Mario Bonello li kien inkarigat mid-distrett tan-Naxxar kien infurma lil Magistrat ta’ l-Ghassa li dak in nhar kienet il-Magistrat Dott. J. Padovani Grima LL.D li min-naha taghha kienet ordnat li ssir inkjesta Magistrerjali u kienet ordnat ukoll in-nomina ta’ diversi esperti sabiex jghinuha

f’dawn l-investigazzjonijiet. Il-Pulizija komplet aktar stharrig u stabbiliet l-identita’ ta’ xi persuni li kienu qeghdin isuqu fit-triq meta sehh dan l-incident. Fost dawn in-nies kien hemm John Correa li meta gie mitkellem mill-Pulizija kien stqarr li kien ra l-incident isehh. Jghid li kien anke ra lil Anne Fiona Dowling mitlufa minn sensiha wara l-steering tal-karozza taghhha u spjega li anke ra il-BMW taqbad. Kien spjega ukoll li ma genb din il-karozza kien hemm ragel iehor u li dan qallu li dik il-BMW kienet tieghu. Sussegwentement is-Sur Correia kien identifika lil Paul Caruana bhala il-persuna li kien qallu dan id-diskors. Kien sar stharrig ukoll mas-sinjura Brigette Pevignon, li insertat dak il-lejl kienet flimkien mas-sinjura Anne Fiona Dowling jieklu ghand membru tal-familja komuni ghalihom it-tnejn. Is-sinjura Pevignon stqarret li hi u Anne Fiona Dowling kienu telqu minn fejn kienu flimkien u rikbu karozzi differenti izda kienu qed isuqu vicin ta’ xulxin. Is-sinjura Pevignon spjegat li hija kienet rat l-incident. Hija qalet ukoll li kienet gharfet lil Paul Caruana ghax kienet tafu bhala l-persuna li kien hdejn il-karozza BMW involuta fl-incident u li min-naha tieghu beda iwaqqaf il-karozzi. Ziedet tghid li Paul Caruana deher li kien fi stat ta’ panic. Tghid li hija sejhitlu lil Paul Caruana u staqsietu min kien hemm involut fl-incident izda aktarx ma semaghiex. Tghid li hekk kif saqet ftit aktar l-isfel indunat li fl-incident kienet involuta Anne Fiona Dowling u indunat ukoll li kienet wegghet serjament. Spjegat ukoll li lil Paul Caruana ma ratux aktar fuq ix-xena tad-delitt. Fil-31 ta’ Awwissu, 2000 kmieni filghodu, l-imputat Paul Caruana mar jiltaqa’ direttament mal-Magistrat Inkwirenti u infurmaha li kien bi hsiebu jirrakonta lilha il-verita dwar dak kollu li kien sehh fil-lejl ta’ qabel. Huwa stqarr mal-Magistrat illi kien huwa li kien qieghed isuq il-vettura BMW 445699 u mhux Raimondo Valerio Corradi u irrakontahla dak li gara. Kien ghalhekk li ‘l-Magistrat inkwirenti infurmat b’dan kollu lil espert mahtur minnha Dott Joe Micallef Stafrace LL.D b’dan kollu u is-sur Paul Caruana, wara li kien gie avzat bid-drittijiet legali tieghu kien ghazel li jixhed quddiem l-espert tal-Qorti fil-mori ta’ l-inkjesta. Paul Caruana stqarr li f’dak il-lejl huwa kien qieghed isuq il-vettura ta’ l-ghamla BMW bin-numru 445699 liema vettura kellha licenza Belgjana u li kienet giet impurtata f’Malta ghalih minn

habib tieghu li jismu Raimondo Valerio Corradi taht Temporary Importation Permit (TIP) li inhareg f'isem Raimondo Valerio Corradi. Is-sur Caruana kompla jispjega li hekk kif kien qed isuq din il-karozza minn St. Andrew's Road, direzzjoni l-isfel lejn il-Belt Valletta tilef il-kontroll tal-karozza u ma jiftakarx x' gara hlief li jaf li inqaleb fil-haxix mal-genb tat-triq u li 'l-karozza tieghu hadet in-nar. Jghid li dak il-hin ippanikja imma irnexxielu johrog minnha. Jghid li kief hareg u beda miexi innota li fil-karozza li habat maghha kien hemm xi nies u kompla jippanikja u meta irrejalizza l-istat li kienet spiccat fih is-sewwiqa tal-karozza li habat maghha ippanikja aktar u aktar. Jghid li irnexxielu iwaqqaf karozza u talab ghajnuna biex jiehduh id-dar u hekk gara. Wara hin qasir mar ghand il-habib tieghu Raimondo Valerio Corradi u ftiehem mieghu sabiex jipprezenta ruhu bhala is-sewwieq tal-BMW u hekk gara. Kien ghalhekk li huwa akkumpanja lil Raimondo Valerio Corradi lejn l-isptar San Luqa fejn dan laghab il-parti li huwa kien involut fl-incident awtomobilistiku. Huwa kien gie ezaminat medikament izda kien intbaghat id-dar. L-imputat kompla jispjega li huwa baqa' ftit hin fl-inhawi ta' l-Isptar San Luqa u imbaghad talab persuna sabiex iwassluh lejn id-dar u waqqfuh hdejn il-knisja ta' San Pawl tat-Targa. Huwa qal ukolldak il-lejl raqad fuq bank barra t-triq u sussegwentement kmieni filghodu mar jiltaqgha mal-Magistrat Padovani u stqarr ghemilu. Raimondo Valerio Corradi gie mitkellem mill-Pulizija u mill-espert tal-Qorti u dan spjega li huwa habib ta' Paul Caruana, u li gieli jaqdih f' xi bicca xoghol l-hemm u l-hawn. Jghid li dak il-lejl huwa kien ircieva telefonata minn Paul Caruana u li qallu li kellu incident zghir bil-BMW u qallu ukoll sabiex jiltaqa mieghu l-isptar San Luqa. Hekk kif iltaqa' ma Paul Caruan l-Isptar San Luqa, huwa gie mitlub minn Paul sabiex jidhol l-isptar u jghid li kien fi stat ta' shock, u li ried assistenza medika u li jekk jigi mistoqsi dwar l-incident jghid li ma jiftakar xejn. Hekk kif is-sur Corradi hareg mill-Isptar u gie mitkellem mill-Pulizija huwa baqa' isostni li kien huwa ix-xufier tal-BMW, izda wara li intbaghat id-dar u beda jahseb dwar dak li gara u kien anke sar jaf illi is-sewwieqa tal-vettura l-ohra kienet wegghet serjament, huwa deherlu li ma kellux ghalfejn jibqa jigdeb ma l-awtoritajiet u iddecieda li jghid il-verita.

Kien ghalhekk li huwa tkellem mal-imputat u qallu li kien bi hsiebu jghid il-verita u Paul infurmah li huwa kien diga stqarr kollox bil-gurament ma l-espert tal-Qorti. Huwa jghid ukoll fi stqarrija li rrilaxxja illi is-sur Caruana kien wghedu kumpens talli jipprezenta ruhu bhala ix-xufier tal-BMW u jghid ukoll li huwa kien ta x' jifehem illi is-sur Paul Caruana kien riedu jaghmel il-claim huwa ma l-insurance peress li kien importa il-vettura huwa. F'dan l-istadju kien sar stharrig rigward it-Temporary Importation Permit (TIP) tal-vettura bin-numru 445699 ma l-adetti tad-dwana, u skond is-sur Anthony Gouder irrizulta li 'l-prezenza ta' din il-vettura f'Malta kienet wahda korretta izda skond it-TIP, Raimondo Valerio Corradi kien obbliga ruhu li la jbiegh din il-vettura, la jikriha u anqas jislifha jew b'xi mod iehor jiddisponi ruhu minnha. Jirrizulta li dan it-TIP kien primarjament validu sas-16 ta' Lulju 2000 izda sussegwentement kien gie estiz sas-16 ta' Ottubru, 2000. Kien ghalhekk li f'dan l-istadju il-Pulizija zvolgiet indagini mal-kumpanija assikuratrici Fogg Insurance, u kien gie mitkellem is-sur Albert Edward Cardona li dan minn naha tieghu stqarr li din il-vettura kienet inxurjata sabiex isuqha Paul Caruana kif ukoll kull min ikollu aktar minn 25 sena. Filfrattemp, il-Kontrollur tad-dwana kif ukoll il-Kummissarju dwar it-taxxa fuq il-Valur Mizjud kienu gew infurmati bl-ezitu ta' din l-investigazzjoni u min-naha taghhom kienu fornew lil Kummissarju tal-Pulizija b'talba sabiex jinhargu akkuzi f'isem kemm il-Kontrollur tad-Dwana, kif ukoll il-Kummissarju dwar Taxxa fuq il-valur Mizjud fil-konfront l-imputat. Sussegwentement gie konkluz il-process-verbal u inhargu l-akkuzi dedotti kontra l-imputat kif ukoll kontra Raimondo Valerio Corradi li jinstab akkuzat quddiem Qorti diversament presjeduta.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-provi u tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jirrizulta li l-kaz odjern huwa msejjes fuq tlett binarji u cioe:-

1. L-incident stradali nnifsu.

2. Il-fabbrikazzjonijiet li saru sabiex jidher li l-vettura BMW nvoluta fl-incident kienet misjuqa minn Raimondo Valerio Corradi u mhux mill-imputat.

3. L-aspetti doganali peress li l-vettura tal-marka BMW bin-numru tar-regisrazzjoni esteru 445699 kienet dahlet f'Malta taht Temporary Importation Permit b'certu kundizzjonijiet imposti ai termini tal-hrug tal-imsemmija Temporary Importation Permit.

Illi b'riferenza ghall-incident stradali l-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-5 ta' Awwissu 2002 indika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 226 tal-Kodici Kriminali kif ukoll taht l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi wara li ezaminat il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward il-Qorti tinsab konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-incident stradali de quo u l-griehi ta' natura gravi bil-konsegwenzi nidkati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali li sofriet Fiona Dowling bhala konsegwenza ta' dan l-incident sehhew unikament minhabba sewqan perikoluz u traskurat u minhabba nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat. Minn ezami tal-provi migbura mil-esperti nominati fl-Inkjesta Magisterjali (Process Verbal relattiv jinsab inserit a fol. 30 et sequitur tal-atti processwali jirrizulta li l-impatt bejn iz-zewg vetturi sehh fuq il-kareggjata li kienet qed tipprocedi fiha Dowling li kienet qed tipprocedi fuq sajdha. Dan ifisser li Paul Caruana li kien gej mid-direzzjoni opposta invada l-kareggjata li kienet qed tipprocedi fiha ghall-affari taghha Fiona Dowling. Dan gie konfermat mix-xhud okulari u kompletament indipendenti John Correa li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta' Awissu 2002 fejn dan ix-xhud qal li huwa kien qed isuq fil-Coast Road, sejjer fid-direzzjoni ta' San Giljan (u cioe' fl-istess direzzjoni li kienet sejra Dowling) meta ra' dawl ta' headlights ta' vettura gejja mid-direzzjoni opposta u din il-vettura bidlet id-direzzjoni taghha u baqghet diehla f'vettura li kienet ghaddejja fl-istess direzzjoni li kien qed jipprocedi fiha dan ix-xhud u mbaghad baqghet niezla f'gandott li kien fuq in-naha tat-

triq tal-vetturi sejrin lejn San Giljan. L-imputat meta rrilaxxja l-istqarrija qal li huwa ra dawl qawwi gej mid-direzzjoni opposta u mbaghad tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Huwa jipprova jghid li dan ma jammontax ghal sewqan perikoluz u traskurat ghaliex huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu minhabba dan id-dawl qawwi. Il-Qorti jidrilha li din l-ispjegazzjoni moghtija mill-imputat hija ghal kollox inaccettabbli ghaliex sewwieq prudenti ma jitlifx il-kontroll tal-vettura tieghu u jmur fuq il-karreggjata tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta semplicement ghaliex jara dawl qawwi fi triq mudlama. Inoltre irid jinghad lli fil-Coast Road dak il-hin li sehh l-incident il-vetturi kollha jkollhom il-headlights mixghulin u di piu' John Correa spjega li kien ra d-dawl qawwi tal-headlamps tal-vettura tal-imputat ibiddel id-direzzjoni u jmur fuq il-kareggjata l-ohra. Dan is-sewwieq (Correa) ghaliex kien prudenti u kellu kontroll assolut tal-vetura tieghu ma tilifx il-kontroll tal-istess vettura bhal ma qed jallega li gralu l-imputat. Sewwieq prudenti li jkun qed isuq fuq il-Coast Road f'dak il-hin tal-lejl ghandu jkun jaf ben tajjeb li f'dik it-triq aktar minn postijiet ohra wiehed ma ghandu qatt jinvadi l-karreggajta opposta ghaliex apparti li jikostitwixxi infrazzjoni tar-regolamenti tat-raffiku jikkostitwixxi wkoll perikolu kbir ghal vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Il-Qorti inoltre jidrilha li l-impatt qawwi bejn iz-zewg vetturi u l-fatt li l-vettura tal-imputat spiccat sabiex waqghet f'gandott u nqalbet hija prova lampanti li l-imputat kien qed isuq b'velocita' aktar milli suppost liema velocita' impeditu milli jkollu kontroll tal-vettura tieghu.

Rigwardanti n-natura tal-griehi sofferti minn Fiona Dowling gie konfermat kemm mill-istess Dowling kif ukoll mill-varji konsulenti li kkurawha lli hija kellha tghaddi minn kalvarju shih ta' operazzjonijiet wara l-incident u li l-griehi li hija sofriet hallewha debilta' ta' natura permanenti.

L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tar-reati kontemplati fl-Artikolu 226(1)(a) tal-Kodici Kriminali kif ukoll fl-Artikolu 15 (1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda t-tieni binarju tal-isvolgiment tal-fatti li taw lok ghal dan il-kaz, u cioe' dak tal-fabbrikazzjonijiet li saru dwar min kien qed isuq il-vettura tal-marka BMW li imbaghad irrizulta li effettivament kienet qed tinstaq mill-imputat odjern l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 110, 188, 308, 309 u 295 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li l-fatti ta' dan il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom f'ebda wiehed mir-reati citati mil-Avukat Generali. Ma ngabet ebda prova li l-imputat holoq provi foloz sabiex dawn jintuzaw fi proceduri kontra terza persuna ai termini tal-Artikolu 110(1) tal-Kap. 9 stante li la inholqu provi foloz mil-imputat u anki jekk kellu jitqies li nholqu tali provi dawn inholqu b'kumplicita' mat-terza persuna (Corradi) li setghu jintuzaw kontriha. Mill-provi l-anqas ma rrizulta li l-imputat iddenunzja xi reat lil Pulizija li kien jaf li ma sarx jew li altrimenti holoq tracci ta' reat ai termini tal-Artikolu 110(2) stante li minn imkien mil-provi ma jirrizulta li l-imputat fil-fatt ghamel xi rapport lil Pulizija dwar l-incident. Dak li huwa imbaghad spicca sabiex irraporta lill-awtoritajiet, precizament lil Magistrat Inkwirenti, kien dak li effettivament gara u cioe' il-fatt li kien huwa li kien qed isuq il-vettura BMW u mhux Corradi. L-istess haga tinghad in kwantu jirrigwarda r-reat ta' dikjarazzjoni falza jew taghrif falz f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, minn imkien mil-provi ma rrizulta li l-imputat ta xi taghrif falz f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika stante li kien l-imsemmi Corradi li semmai ta taghrif falz. In kwantu jirrigwarda r-reat ta' frodi dwar sigurta', mill-provi, u senjatament mix-xhieda ta' Jonathan Schembri li xehed waqt l-udjenza tas-6 ta' Mejju 2010, irrizulta li l-imputat m'ghamilx claim mal-assikurazzjoni (Fogg Insurance) li harget polza fuq il-vettura imsemmija dwar l-incident in dizamina u fil-fatt l-assikurazzjoni halset lil Fiona Dowling mhux ghaliex saret claim mill-imputat izda ghaliex l-istess assikurazzjoni giet notfikata b'ittra ufficjali mahruga ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta li kienet giet intavolata kawza ghad-danni minn Dowling kontra l-istess imputat u wara li inghatat sentenza fil-konfronti tieghu. Ghall-istess ragunijiet il-Qorti jidrilha li l-

fatti fil-kaz odjern ma jikkonfigurawx fir-reati ta' truffa u frodi innominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 ukoll citati mill-Avukat Generali.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda l-aspett doganali tal-kaz l-Avukat Generali indika l-Artikoli 60(c)(d)(e)(k) u 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(l)(k)(n) tal-Kapitolu 37. Il-Qorti setghat tikkonstata li mill-provi rrizulta li l-vettura in kwistjoni iddahlet Malta minn Raimondo Valerio Corradi u li t-Temporary Importation Permit (li kopja tieghu tinsab inserita a fol. 276 tal-process) inhareg f'isem l-istess Corradi u ghalhekk kwalsiasi infrazzjoni tal-obbligi imposti permezz tal-msemmi Temporary Importation Permit saret mill-istess Corradi. Irid inoltre jigi rilevat li mix-xhieda ta' Anthony Gouder (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 272 tal-process) jirrizulta li fid-data tal-incident dan it-Temporary Importation Permit kien ghadu validu fid-data tal-incident li jiffroma l-mertu ta' dan il-kaz. Dan ix-xhud fil-fatt ikkonferma li l-permess relattiv inhareg ghal xahar fis-16 ta' Gunju 2000 u mbaghad gie estiz sas-16 ta' Ottubru 2000. Il-Qorti jidrilha li mill-provi ma rrizultax sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat ikkommetta r-reati kontemplati fl-Artikoli 60 u 62 tal-Kap. 37.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat jinsab ukoll akkuzat li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Proskeuzzjoni f'dn il-kaz ma tirrizultax tali prova.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat id-dewmien f'dawn il-proceduri liema dewmien ma jidhirx li kien attribwibbli lill-imputat kif ukoll il-fatt li l-vittma giet rizarcita ghad-danni minnha sofferti u ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li piena pekunjarja u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ikunu aktar idoneji fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat in-nota tal-Avukat Generali tal-5 ta' Awwissu 2002 u senjatament l-Artikoli

226(1)(a) u 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tar-reat li kkaguna offiza involontatrja fuq il-persuna ta' Fiona Dowling u ta' sewqan perikoluz u traskurat u tikkundannah multa ta' elfejn Ewro (€2,000) u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni l-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minn dawn l-akkuzi.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xhar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' mitejn u tmienja u disghin ewro u sittax-il ewro centezmi (€298.16) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------